



13.12.2010

0100/2010

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar titjib tal-miżuri għall-prevenzjoni ta' inċidenti u d-dispożizzjonijiet għar-responsabbiltà ambjentali fl-industriji ta' estrazzjoni

Daciana Octavia Sârbu, János Áder, José Bové, Chris Davies, Csaba Tabaji

Data ta' skadenza: 24.3.2011

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar titjib tal-miżuri għall-prevenzjoni ta' inċidenti u d-dispożizzjonijiet għar-responsabbiltà ambjentali fl-industriji ta' estrazzjoni

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/21 KE dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/35/KE dwar responsabbiltà ambjentali
- wara li kkunsidra d-Direttiva 96/82/KE dwar il-kontroll ta' perikli maġġuri ta' inċidenti (Seveso II)
- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. Billi inċidenti li jinvolvu skart mill-industriji ta' estrazzjoni jistgħu jikkawżaw ħsara ambjentali katastrofika u jkunu ta' theddida f'terminu twil ta' żmien għas-saħħa tal-bniedem

B. Billi d-Direttiva dwar ir-responsabbiltà ambjentali ma tobbligax lill-operaturi sabiex ikollhom assigurazzjoni adegwata, meta jitqiesu l-ispejjeż assoċjati ma' inċidenti fl-industriji ta' estrazzjoni

C. Billi fatturi ta' ġestjoni ġew identifikati bħala li jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv għall-maġġoranza ta' inċidenti maġġuri fl-UE

1. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tirrevedi d-Direttiva dwar responsabbiltà ambjentali bil-għan li tobbliga lill-operaturi sabiex ikollhom assigurazzjoni li tirrifletti l-ispejjeż ta' inċidenti potenzjali sabiex ikun jista' jitħallas kumpens ukoll fil-każi ta' falliment.
2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipproponi l-inklużjoni ta' verifiki regolari, obbligatori u indipendenti tal-miżuri ta' prevenzjoni ta' inċidenti wara r-reviżjoni attwali tad-Direttiva Seveso II.
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.